

Brussell, 4 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15144/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0277(NLE)**

**UD 246
AL 4
MED 64
COMER 139
WTO 139**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 499 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 6 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 499 final.

Mehmuż: COM(2024) 499 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2024
COM(2024) 499 final

2024/0277 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 6 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta trid tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija dwar l-emenda tal-Protokoll 6 ta' dak il-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija¹ (il-Ftehim) għandu l-għan li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għal-liberalizzazzjoni gradwali tal-kummerċ tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2005.

2.2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 92 tal-Ftehim, jista' jiddeċiedi li jemenda l-Protokoll 6 (b' mod partikolari l-Artikolu 39). Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' ftehim bejn iż-żewġ Partijiet (jiġifieri l-UE u l-Alġerija).

2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jrid jadotta deċiżjoni dwar l-emenda tal-Protokoll 6 ("l-att previst").

Il-fini tal-att previst huwa li jemenda l-Protokoll 6 billi jissostitwih bi protokoll ġdid li jinkludi referenza dinamika għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji, sabiex dejjem jirreferi għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ.

L-att previst se jkun vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 97(2) tal-Ftehim.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UE

Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji (il-Konvenzjoni) tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orijini tal-oġġetti nnegożjati skont Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-partijiet kontraenti. L-UE u l-Alġerija ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011 u fil-5 ta' Ottubru 2012 rispettivament.

L-UE u l-Alġerija ddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom għand id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fis-27 ta' Jannar 2017, rispettivament. Bħala konsegwenza, skont l-Artikolu 10, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-UE u l-Alġerija fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Marzu 2017 rispettivament.

Il-Konvenzjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli Preferenzjali tal-Orijini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull parti kontraenti trid tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. Għal dak il-għan, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim għandu jadotta Deċiżjoni li tintroduċi r-regoli tal-Konvenzjoni skont il-

¹ ĠU L 265, 10.10.2005.

Protokoll 6. Dan isir bl-introduzzjoni fil-Protokoll emendat ta' referenza għall-Konvenzjoni li se tagħmlu applikabbli.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

L-emendi proposti għandhom natura teknika u ma jaffettwawx il-kontenut tal-protokoll b'rabta mar-regoli tal-oriġini fis-seħħ bħalissa. Għalhekk, ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li għandhom effetti legali minħabba r-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*².

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta għandu effetti legali. Se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 97(2) tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li għalihom tittieħed pożizzjoni f'isem l-UE.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jemenda l-Ftehim, ikun jixraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 6 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/690/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2005. Il-Protokoll 6 jiddefinixxi l-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u jistabbilixxi metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.
- (2) Skont l-Artikolu 39 ta' dak il-Protokoll, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 92 tal-Ftehim (il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni) jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu.
- (3) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni irid jadotta Deċiżjoni dwar emenda tal-Protokoll 6.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/93/UE² u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012. Din tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orijini tal-oġġetti nneozjati skont Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti, li japplikaw mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f'dawk il-Ftehimiet.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Alġerina Demokratika u tal-Poplu, min-naħa l-oħra (OJ L 265, 10.10.2005).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/93/UE tal-14 ta' April 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orijini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013).

- (6) Il-Konvenzjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli preferenzjali ta' Oriġini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023³.
- (7) L-emenda tal-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 fir-rigward tal-Partijiet Kontraenti kollha. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u immedjata tal-emenda tal-Konvenzjoni bejn il-Partijiet, jenħtieġ li tiġi introdotta referenza għall-Konvenzjoni fil-Protokoll 6, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ. Fin-nuqqas ta' tali referenza, l-applikazzjoni effettiva tal-emenda tal-Konvenzjoni ma tkunx żgurata u dan jista' jkollu impatt fuq is-sistema ta' akkumulazzjoni djagonali.
- (8) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti trid tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dak l-għan, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jadotta deċiżjoni li tintroduċi referenza għall-Konvenzjoni fil-Protokoll 6 tal-Ftehim, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

³ ĠU L, 2024/390, 19.2.2024.